IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.11.2016
COM(2016) 745 final

2016/0368 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta li ġejja biex jitħassru r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 hija ppreżentata fil-kuntest tal-programm REFIT tal-Kummissjoni u tal-impenn tagħha għal regolamentazzjoni aħjar. L-għan huwa li jiġi żgurat qafas leġiżlattiv li huwa idoneu u ta' kwalità għolja, kif imsemmi fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar regolamentazzjoni aħjar. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni identifikat dawn ir-Regolamenti skaduti li l-Kummissjoni qed tipproponi li jitħassru.

1.1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89

Abbażi tal-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament (KEE) Nru 1101/89 introduċa arranġamenti għal titjib strutturali fis-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni fil-każ tal-flotot li joperaw f'sistemi ta' passaġġi fuq l-ilma interni konġunti fil-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija.

L-għan ta' dak ir-Regolament kien li jnaqqas il-kapaċità żejda tal-flotot fil-passaġġi fuq l-ilma interni permezz ta' skemi ta' rimi tal-bastimenti koordinati fil-livell Komunitarju. Ir-Regolament (KEE) Nru 1101/89 kien maħsub li jkun limitat fiż-żmien kif spjegat fl-Artikolu 8(1). Dan waqaf jipproduċi effett mit-28 ta' April 1999.

Fid-29 ta' Marzu 1999 ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni sabiex jiġi żgurat li l-għodod adatti baqgħu ikunu għad-dispożizzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fid-29 ta' April 1999 biex jissostitwixxi r-Regolament (KEE) Nru 1101/89.

1.2. Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000

Abbażi tal-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 qassam bejn l-Istati Membri tal-Komunità l-kwoti għal vetturi li jġorru tagħbijiet tqal li l-Komunità rċeviet mill-Isvizzera għas-snin 2001 sal-2004.

L-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq, li kien iffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002, kien jipprevedi tali kwoti għal vetturi b'piż totali ta' bejn 34 tunnellata u 40 tunnellata bħala arranġamenti tranżizzjonali għas-snin 2001 sa 2004.

Skont l-Artikolu 8(6) tal-Ftehim u b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, il-vetturi kollha li jissodisfaw l-istandards tekniċi tad-Direttiva 96/53/KE (jiġifieri sa piż massimu ta' 40 tunnellata) "għandhom ikunu eżentati, skont l-Artikolu 32, minn kull kwota jew arranġament ta' awtorizzazzjoni."

B'seħħ mill-2005, ma hemmx aktar bżonn li jitqassmu l-kwoti bejn l-Istati Membri, billi r-Regolament (KE) Nru 2888/2000 skada u għandu jitħassar.

1.1. Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001

Abbażi tal-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 jistabbilixxi r-regoli għat-tqassim bejn l-Istati Membri tal-awtorizzazzjonijiet li huma għad-disposizzjoni tal-Komunità bis-saħħa tal-Artikolu 6(2) tal- ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport ikkombinat.

Ir-Regolament huwa skadut peress li l-Bulgarija u r-Rumanija ssieħbu mal-Unjoni u bħala Stati Membri ma għadhomx soġġetti għal sistema ta' awtorizzazzjonijiet f'dak li jirrigwarda l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-merkanzija.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Mhux applikabbli

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tikkonċerna t-tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 685/2001 u (KE) Nru 2888/2000.

2016/0368 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea kkonfermaw l-impenn konġunt tagħhom biex jaġġornaw u jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tat-13 ta' April 2016[3].

(2) Sabiex jindaf u jitnaqqas il-volum tal-acquis leġiżlattiv, jeħtieġ li dan jiġi analizzat regolarment u li tiġi identifikata l-leġiżlazzjoni skaduta. It-tħassir tal-leġiżlazzjoni skaduta hija utli għaż-żamma ta' qafas leġiżlattiv trasparenti, ċar u faċli biex jintuża mill-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti, f'dan il-każ is-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

(3) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1101/89[4] fl-1989. Għaxar snin wara, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 718/1999[5] sabiex jiġi żgurat li l-għodod adatti jibqgħu jkunu għad-dispożizzjoni tas-settur tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni u għall-ġestjoni tal-kapaċità tal-flotta. Dak ir-Regolament kien ikopri l-istess suġġett bħal dak tar-Regolament (KEE) Nru 1101/89, mingħajr ma jħassar dan tal-aħħar.

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

4 Council Regulation (EEC) No 1101/89 of 27 April 1989 on structural improvements in inland waterway transport (Traduzzjoni mhux disponibbli bil-Malti) (ĠU L 116, 28.4.1989, p. 25).

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika ta' kapaċità tal-flotta tal-Komunità biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 90, 2.4.1999, p. 1).

(4) Skont l-Artikolu 8(6) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferroviji u tat-triq[6], il-vetturi kollha li jissodisfaw l-istandards tekniċi tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE[7] ġew eżentati minn kwalunkwe kwota jew arranġament ta' awtorizzazzjoni mill-1 ta' Jannar 2005. Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] dwar it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jġorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera jenħtieġ għalhekk li jitqies bħala skadut.

(5) Wara l-adeżjoni mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 kemm tar-Repubblika tal-Bulgarija kif ukoll tar-Rumanija, ir-Regolament Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] ma għadux meħtieġ għaliex dawn l-Istati Membri mhumiex aktar meħtieġa li jiksbu l-awtorizzazzjoni għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport ikkombinat.

(6) B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li jitħassru r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 685/2001 u (KE) Nru 2888/2000,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89, u r-Regolamenti (KE) Nru 2888/2000 u (KE) Nru 685/2001 huma mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

---

6 ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91.

7 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal certi vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

8 Ir-Regolament (KE) Nru 2888/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar it-tqassim ta' permessi għal vetturi li jġorru tagħbijiet tqal u li jivvjaġġaw fl-Isvizzera (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 9).

9 Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 li jirrigwarda t-tqassim tal-awtorizzazzjonijiet fost l-Istati Membri rċevuti permezz tal-Ftehimijiet li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija (ĠU L 108, 18.4.2001, p. 1).